MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 77/96
Kawza Numru. 22

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Emanuel Buttigieg ta' 23 sena, iben Bernard, karta tal-identita' numru 1273 (G);

Akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-21 ta' Lulju 1996 u t-tlett xhur ta' qabel din id-data, kkotliva il-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-artikolu 8© tal-Kap 101, tal-ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-isess zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, f'cirkostanzi li juru li din ma kienitx ghal-uzu esklussiv tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (d) u 22(2) (b) (i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kazwa;

Ikkunsidrat:

Illi wara s-smiegh tal-provi tal-prosekuzzjoni, xehed l-imputat u din ix-xhieda ser tkun l-unika konsiderazzjoni ta' din il-Qorti f'din is-sentenza stante li d-deposizzjoni tal-imputat tammonta ghall-ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Fid-deposizzjoni tieghu tad-29 ta' Novembru 2002, l-imputat ikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa kien xtara disa zerrieghat tal-cannabis minghand persuna minnu msemmija u kabbar erba xtieli minnhom u dan peress illi kien jabbuza mill-cannabis hu stess.

Illi sussegwentement xehedu persuni ohra biex juru li l-imputat rriforma ruhu u ma ghadx ghandu konnessjoni mal-hajja precedenti;

Ikkunsidrat illi d-deposizzjoni tal-impujtat tammonta ghall-ammisjoni u wara ezami tal-provi l-ohra mressqa mill prosekuzzjoni, il-Qorti tqis illi l-istess ammissjoni hija wahda li taqbel mal-kumpless tal-provi –ohra;

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hat tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 8 (c), (d) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap 101;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u tenut kont tal-eta zghira tieghu fid-data tal-kommissjoni tar-rejat;

Tenut kont li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ta' bizzejjed informazzjoni biex tkun processata persuna ohra skond l-artikolu 29 tal-Kap 101 ghal liema informazzjoni din il-Qorti qed tnaqqas il-piena b'zewg gradi skond l-istess artikolu 29;

Tenut kont li l-imputat ghamel sitta u ghoxrin gurnata taht arrest preventive tqis illi piena karcerarja ulterjuri mhix addattata fic-cirkostanzi u ghalhekk tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm300.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------